MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 407/2012

**AB**
**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Awissu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju, 2004;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi mill-kuntratt ta' separazzjoni illi iffirmaw ghaddew aktar minn erbgha (4) snin;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment illi ma thallasx.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------